32002F0465

L 162/1 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 20.6.2002

# ID-DEĊIŻJONI KWADRU TAL-KUNSILL tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti

2002/465/JHA)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 34(2)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-inizjattiva tar-Renju tal-Belġju, ir-Renju ta' Spanja u r-Renju Unit ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]);

Billi:

(1) Wieħed mill-għanijiet ta' l-Unjoni hu li tagħti liċ-ċittadini livell għoli ta' sigurtà f'ambjent ta' libertà, sigurtà u l-ġustizzja u dan il-għan għandu jintlaħaq billi jkun hemm prevenzjoni u tkun miġġielda l-kriminalità permezz ta' koperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-pulizija, l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn fl-Istati Membri, filwaqt li jkun hemm rispett għall-prinċipji għad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet fundmanetali u r-regola li kulħadd huwa suġġett għall-liġijiet li fuqhom hija mwaqqfa l-Unjoni u li huma komuni għall-Istati Membri.

(2) Il-Kunsill Ewropew f'Tampere tal-15 u s-16 ta' Ottubru 1999 sejjaħ lit-skwadraijiet ta' investigazzjoni kif imħabbra fit-Trattat biex iwaqqfu, mingħajr dewmien, bħala l-ewwel pass, biex jiġġieldu t-traffikar tad-drogi u tan-nies kif ukoll it-terroriżmu.

(3) Saret dispożizzjoni fl-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni mwaqqfa mill-Kunsill skond l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea dwar l-Assistenza Reċiprokafi Kwistjonijiet Kriminali bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ([3]) għat-twaqqif u t-tħaddim konġunt ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunti.

(4) Il-Kunsill iħeġġeġ sabiex jittieħdu l-miżuri kollha sabiex ikun żgurat illi din il-konvenzjoni tkun irratifikata mill-aktar fis possibbli, u fi kwalunkwe każ fil-kors tas-sena 2002.

(5) Il-Kunsill jirrikonoxxi li huwa importanti li jirrispondi malajr għat-talba tal-Kunsill Ewropew biex iwaqqaf mingħajr dewmien l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti.

(6) Il-Kunsill iqis illi għall-għan biex jiġġieled il-kriminalità internazzjonali bl-aktar mod effettiv, jixraq f'dan l-istadju li jkun adottat strument li jorbot legalment dwar skwadraijiet ta' investigazzjoni konġunti fil-livell ta' l-Unjoni li għandu japplika għall-investigazzjonijiet konġunti fit-traffikar tad-drogi u tal-persuni kif ukoll it-terroriżmu.

(7) Il-Kunsill iqis illi dawn it-skwadraijiet għandhom jitwaqqfu, bi prijorità, biex jiġġieldu reati mwettqa minn terroristi.

(8) L-Istati Membri li jwaqqfu skwadra għandhom jiddeċiedu dwar il-kompozizzjoni, l-iskop u t-tul taż-żmien tiegħu.

(9) L-Istati Membri li waqqfu l-iskwadra għandhom ikollhom iċ-ċans li jiddeċiedu, fejn dan ikun possibbli u skond il-liġi li tapplika, li jħallu persuni li ma jirrappreżentawx l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jieħdu sehem f'attivitajiet ta' t-skwadra, u dawk il-persuni jistgħu jinkludu r-rappreżentanti ta', per eżempju, il-Europol, il-Kummissjoni (OLAF) jew ir-rappreżentanti ta' l-awtoritajiet ta' dawk il-pajjiżi li mhumiex Stati Membri, u b'mod partikolari r-rappreżentanti ta' l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi. F'każijiet bħal dawn, il-ftehim li jwaqqaf it-skwadra għandu jispeċifika l-oqsma li għandhom x'jaqsmu mar-risponsabbiltà possibbli għar-rappreżentanti bħal dawn.

(10) Skwadra ta' investigazzjoni konġunta għandha topera fit-territorju ta' l-Istat Membru b'konformità mal-liġi applikabbli għal dak l-Istat Membru.

(11) Din id-Deċiżjoni Kwadru għandha tkun mingħajr preġudizzju għal xi dispożizzjonijiet eżistenti oħra jew l-arranġamenti dwar it-twaqqif jew l-operat ta' skwadri konġunti ta' investigazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI KWADRU:

*Artikolu 1*

**skwadri ta' investigazzjoni konġunti**

1. Bi ftehim reċiproku, l-awtoritajiet kompetenti ta' tnejn jew aktar Stati Membru jistgħu jwaqqfu skwadra ta' investigazzjoni konġunta għal skop speċifiku u perjodu limitat, li jista' jiġġedded permezz ta' kunsens bejn xulxin, biex iwettqu investigazzjonijiet kriminali f'wieħed jew aktar mill-Istati Membri li waqqfu l-skwadra. Il-kompożizzjoni tat-skwadra għandha ikun stabbilit fil-ftehim.

([1]) ĠU C 295, ta' l-20.10.2001, p. 9.
([2]) Opinjoni mogħtija fit-13 ta' Novembru 2001 (għadha ma ġietx pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) ĠU C 197, tat-12.7.2000, p. 1.

Skwadra ta' investigazzjoni konġunta tista' b'mod partikolari, titwaqqaf meta:

(a) l-investigazzjonijiet ta' l-Istat Membru f'reati kriminali jitolbu investigazzjonijiet diffiċli u ta' ċertu impenn li għandhom rabtiet ma' Stati Membri oħra;

(b) numru ta' Stati Membri qiegħdin jagħmlu investigazzjonijiet dwar reati kriminali fejn iċ-ċirkustanzi tal-każ jitolbu azzjoni kkordinati u flimkien fl-istati Membri involuti.

Talba biex titwaqqaf skwadra ta' investigazzjoni konġunta magħmul minn xi Stati Membri kkonċernati. L-iskwadra għandha tkun imwaqqfa f'wieħed mill-Istati Membri fejn huma mistennija li jsiru l-investigazzjonijiet.

2. Minbarra din l-informazzjoni msemmija fid-dispożizzjonijiet relevanti ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Għajnuna Reċiproka dwar Materji Kriminali u l-Artikolu 37 dwar it-Trattat tal-Benelux tas-27 ta' Ġunju 1962, kif emendat bil-Protokoll tal-11 ta' Mejju 1974, talbiet biex jitwaqqfu skwadri ta' investigazzjoni konġunti għandhom jinkludu l-proposti għall-kompożizzjoni ta' l-iskwadra.

3. Skwadra ta' investigazzjoni konġunta għandha topera fit-territorju ta' l-Istati Membri li jwaqqfu l-iskwadra skond il-kondizzjonijiet ġenerali li ġejjin:

(a) Il-mexxej ta' l-iskwadra għandhu jkun rappreżentant ta' l-awtorità kompetenti li tipparteċipa f'investigazzjonijiet kriminali mill-Istat Membri li fih topera l-iskwadra. Il-kap ta' l-iskwadra għandu jaġixxi fl-ambitu tal-limiti tal-kompetenza tiegħu taħt il-liġi nazzjonali.

(b) L-iskwadra għandha tagħmel twettaq l-operazzjonijiet tagħha skond il-liġi ta' l-Istat Membru li fiha topera. Il-membri ta' l-iskwadra għandhom iwettqu x-xogħolijiet tagħhom taħt it-tmexxija tal-persuna msemmija fis-subparagrafu (a), waqt li jittieħed kont tal-kondizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet tagħhom fil-ftehim dwar it-twaqqif ta l-iskwadra.

(ċ) l-Istat Membr fejn topera l-iskwadra għandha tagħmel l-arranġamenti neċessarji biex dan ikun jista' jagħmel dan.

4. F'din id-Deċiżjoni Kwadru, membri ta' l-iskwadra ta' investigazzjoni konġunta minn Stati Membri minbarra l-Istat Membru fejn topera l-iskwadra issir referenza għalihom bħalha li huma "mislufa" lill-iskwadra.

5. Il-membri mislufa ta' l-iskwadra ta' investigazzjoni konġunta għandhom ikollhom id-dritt li jkunu preżenti meta l-miżuri investigattivi jittieħdu mill-Istat Membru ta' operazzjoni. Madankollu, il-kap ta' l-iskwadra jista', għal raġunijiet partikolari, skond il-liġi ta' l-Istat Membru fejn topera l-iskwadra, jiddeċiedi mod ieħor.

6. Il-membri mislufa lill-iskwadra ta' investigazzjoni konġunta jistgħu, skond il-liġi ta' l-Istat Membru fejn topera l-iskwadra, jingħataw il-kompitu mill-kap ta' l-iskwadra li jieħdu ċertu miżuri investigattivi fejn dan kien approvat mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' operazzjoni u l-Istat Membru li jsellef il-membri.

7. Fejn l-iskwadra ta' investigazzjoni konġunta jkollha bżonn li jittieħdu miżuri investigattivi f'wieħed jew aktar mill-Istati Membri li qiegħdin iwaqqfu skwadra, il-membri mislufa ta' l-skwadra minn dak l-Istat Membru jistgħu jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom li jieħdu dawk il-miżuri. Dawk il-miżuri għandhom ikunu meqjusa minn dak l-Istati Membri skond il-kondizzjonijiet li kieku japplikaw li kieku kienu mitluba minn investigazzjoni nazzjonali.

8. Fejn l-iskwadra ta' investigazzjoni konġunta jkollha bżonn għajnuna minn Stat Membru minbarra dawk li jkunu waqqfu skwadra, jew minn pajjiż terz, it-talba għall-għajnuna tista' issir mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat ta' l-operazzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat l-ieħor ikkonċernat skond l-istrumenti jew l-arranġamenti relevanti.

9. Membru ta' l-iskwadra ta' investigazzjoni konġunta jista', skond il-liġi nazzjonali tiegħu jew tagħha u skond il-limiti tal-kompetenza tiegħu jew tagħha, jipprovdi lill-iskwadra bl-informazzjoni disponibbli fl-Istat Membru li bagħtu għal-iskop ta' l-investigazzjonijiet kriminali li saru mill-iskwadra.

10. L-informazzjoni li tinkiseb b'mod legali minn membru jew mnn membru misluf waqt li jkun parti mill-iskwadra ta' investigazzjoni konġunta li ma kienetx tkun disbonibbli b'mod ieħor lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kkonċernati tista' tintuża għall-iskopijiet li ġejjin:

(a) għall-iskopijiet li għalihom twaqqfet l-iskwadra;

(b) bla ħsara għall-kunsens minn qabel ta' l-Istat Membru fejn inkisbet l-Informazzjoni sabiex jinstabu, ikunu investigati u għall-prosekuzzjoni ta' reati kriminali oħra. Dan il-kunsens jista' jinżamm biss f'każijiet fejn dan l-użu jista' joħloq periklu lill-investigazzjonijiet kriminali fl-Istat Membru konċernat jew lil lejh l-Istat Membru jista' jirrifjuta li jagħti għajnuna reċiproka;

(ċ) biex ikun evitat theddid immedjat u serju lis-sigurtà pubblika, u mingħajr preġudizzju għas-subparagrafu (b) jekk sussegwentament tinfetaħ investigazzjoni kriminali;

(d) għal skopijiet oħra li dwarhom jaqblu l-Istati Membri li jkunu qiegħdin iwaqqfu l-iskwadra.

11. Din id-Deċiżjoni Kwadru għandha tkun mingħajr preġudizzju għal xi dispożizzjonijiet oħra eżistenti jew arranġamenti dwar it-twaqqif jew l-operat ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunti.

12. Sakemm dawk il-liġijiet ta' l-Istati Membri kkonċernati jew id-dispożizzjonijiet ta' xi strument legali applikabbli bejniethom jippermetti, jistgħu jkunu maqbula arranġamenti għall-persuni oħra minbarra r-rappreżentanti ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li jwaqqaf l-iskwadra ta' investigazzjoni konġunta biex jieħu sehem fl-attivitajiet ta' l-iskwadra. Dawn il-persuni jistgħu, per eżempju, jinkludu uffiċjali ta' għaqdiet imwaqqfa skond it-Trattat. Id-drittijiet mogħtija lill-membri jew il-membri l-mislufa ta' l-iskwadra permezz ta' din id-Deċiżjoni Kwadru mhux ser japplikaw għal dawn il-persuni sakemm il-ftehim ma' jgħidx espressament mod ieħor.

*Artikolu 2*

**Responsabbiltà kriminali ta' l-uffiċjali**

Matul l-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1, l-uffiċjali minn Stat Membru minbarra l-Istat Membru ta' operazzjoni għandhom jitqiesu bħala uffiċjali ta' l-Istat Membru ta' operazzjoni fir-rigward ta' reati li twettqu kontrihom jew minnhom.

*Artikolu 3*

**Responsabbiltà ċivili ta' l-uffiċjali**

1. Fejn, skond l-Artikolu 1, l-uffiċjali ta' Stat Membru ikunu qegħdin joperaw fi Stat Membru ieħor, l-ewwel Stat Membru għandu jkun responsabbli għal xi ħsara kawżata minnhom matul l-operat tagħhom, skond il-liġi ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu huma jkunu qiegħdin joperaw.

2. L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun saret il-ħsara msemmija fil-paragrafu 1 għandu jagħmel tajjeb għal din il-ħsara skond il-kondizzjonijiet applikabbli għall-ħsara kkawżata mill-uffiċjali tiegħu stess.

3. l-Istat Membru li l-uffiċjali tiegħu ikunu kawżaw il-ħsara lil xi persuna fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għandhom jagħtu lura lil dan ta' l-aħħar is-somom li huwa jkun ħallas lill-vittmi jew lill-persuni li jkollhom id-dritt għan-nom tagħhom.

4. Mingħajr preġudizzju għall-eżerċizzju tad-drittijiet rigward terzi persuni u bl-eċċezzjoni tal-paragrafu 3, kull Stat Membru għandu jieqaf milli, fil-każ imsemmi fil-paragrafu 1, jitlob ħlas lura tad-danni li huwa sofra minn Stat Membru ieħor.

*Artikolu 4*

**Implimentazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni sa l-1 ta' Jannar 2003.

2. L-Istati Membri għandhom jibgħatu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u lill-Kummissjoni it-test tad-dispożizzjonijiet kollha li jimplimentaw fil-liġi nazzjonali l-obbligi imposti fuqhom skond din id-Deċiżjoni Kwadru. Fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni u xi informazzjon oħra, il-Kummissjoni għandha, sal-1 ta' Lulju 2004, tagħti rapport lill-Kunsill dwar l-operat ta' din id-Deċiżjoni Kwadru. Il-Kunsill għandu jagħmel stima ta' kemm l-Istati Membri ikunu kkonformaw ma' din id-Deċiżjoni Kwadru.

*Artikolu 5*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni Kwadru għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali. Din għandha tieqaf fis-seħħ meta l-Konvenzjoni dwar Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea tkun daħlet fis-seħħ fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fil-Lussemburgu, fit-13 ta' Ġunju 2002.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. RAJOY BREY